MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 38/2008

**Alpha-tex Enterprises Co. Ltd – C 7304**

**vs**

**Torras Valenti SA**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'dan l-AVVIZ s-socjeta' attrici ressqet TALBA li fiha qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallasha s-somma ta' seba mija, disgha u sebghin Ewro u ghoxrin centezmi rapprezentanti kummissjonijiet dovuti lilha mis-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax fuq €597.47 mill-15 ta' Dicembru 2006 u fuq €179.73 mit-30 ta' Novembru 2007.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat mal-AVVIZ. Bis-socjeta' konvenuta ingunta tidher in subizzjoni.

**Ra** li, b'degriet tal-5 ta' Frar 2008, stante li s-socjta' konvenuta hi residenti fl-Unjoni Ewropeja, it-TRIBUNAL ordna li l-atti jigu tradotti bl-Ingliz u trasmetti lill-Avukat Generali bhala agent inkarigat biex jiehu hsieb in-notifika tal-istess.

**Ra** li fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2009 is-socjeta' attrici prezentat "notice of claim" bl-Ingliz (a fol *18-21* tal-process) u ntalab li dan jigi notifikat lis-socjeta' konvenuta fi Spanja – talba li giet milqugha.

**Ra** li b'Nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili prezentata fil-21 ta' Lulju 2010 gie esibit, bhala Dok A, *Certificate of Service* mahrug mill-Awtoritajiet Spanjoli (*a fol* 38 – 44 tal-process)

**Ra** li s-socjeta' konvenuta ma pprezentatx risposta u minn naha tas-socjeta' attrici deher, fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2012, Frank Farrugia li xehed li hu Managing Director tas-socjeta' attrici u kkonferma li l-*quantum* mitlub jirraprezenta kummissjonijiet dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u dawn baqghu ma thallsux.

**<u>DECIZJONI</u>**

It-TRIBUNAL, mehud kont ta' dak kollu mfisser hawn fuq jghaddi biex **<u>jikkundanna</u>** lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici il-*quantum* ta' seba mija, sebgha u sebghin Ewro u ghoxrin centezmi (€777.20c) bl-imghax u l-ispejjes kollha kif mitluba fl-AVVIZ b'dana li l-imghax kif mitlub jibqa jiddekorri sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------